Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 19 – L-ERBGĦA, 3 TA' AWWISSU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:05 sal-22:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku (sad-21:00) |
| | Raymond Tabone | Kunsillier (wasal fis-19:09) |
| | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Stephen Cremona | Kunsillier (wasal fis-19:12) |
| | Daniel Grima | Kunsillier (wasal fis-19:05) |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier |
| Assenti: | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

*Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.*

1. **NUQQAS TA' QUORUM**

    1.1. Fil-ħin li kienet imsejħa l-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Bezzina, Bugeja, Fenech u Vella. Għalhekk il-laqgħa ma setgħetx tibda fil-ħin minħabba nuqqas ta' quorum.

    1.2. Wasal il-Kunsillier Daniel Grima fis-19:05 u għalhekk setgħet tibda l-laqgħa.

2. **APOLOĠIJI**

    2.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri A Grima, Piscopo, Buhagiar u Barbara infurmawh li ma setgħux jattendu. Kopji tal-emails annessi f'A.

2.2. Il-Kunsillier Bugeja ġibed l-attenzjoni dwar il-ġustifikazzjoni tan-nuqqas. Il-Viċi Sindku saħaq li l-fatt li kunsilliera jiddikjaraw raġunijiet personali biss ma jistgħux ikunu ġustifikati għaliex ma tistax tiġġustifika xi ħaġa li ma tafx x'inhi.

2.3. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Tabone.

2.4. F'dan Il-Kunsillier Bugeja staqsa jistax il-Kunsill jaddotta l-istess sistema li tintuża fil-Parlament.

2.5. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Cremona.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.1. Kienu ppreżentati l-minuti li ġew meqjusa moqrija. Dawn kienu approvati bi 8 voti favur u astensjoni tal-Kunsillier Tabone minħabba li ma kienx laħaq rahom. Il-minuti kienu ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

## 4. PUNTI MILL-MINUTI

4.1. Is-Sindku infurmat dwar is-sitwazzjoni tal-latrini fejn spjegat li l-MTA, wara li kienu għamlu tali offerta, irreferewha lill-Cleansing Services Dept (CSD) Hija ġiet infurmata li dan is-servizz jista' jingħata bi ħlas u għaldaqstant talbet stimi mingħand CSD.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1. Is-Sindku ressqet l-offerta tal-Automated External Defibrillator. Il-Kunsill qabel li jipprovdi dak mitlub sabiex din tkun installata. Qabel ukoll li l-ewwel għażla ta' lokazzjoni tkun l-Għassa tal-Pulizija fil-Qawra. Il-Kunsillier Cremona offra li, jekk ikun meħtieġ post alternattiv, huwa lest li joffri spazju bla ebda interessi fil-lukanda Gillieru.

5.2. Dwar il-kuntratt ma' Nextbike il-Kunsill qabel li l-lokazzjonijiet inizjali possibilment ikunu l-Pjazza ta' Buġibba, fejn il-Bus Terminus fil-Qawra u fejn il-pompa tal-petrol (dik ta' fejn Piscopo Cash and Carrry).

5.3. Kien hemm komunikazzjoni mis-Soċjetà Mużikali San Pawl fejn infurmaw lill-Kunsill li għadhom kemm nedew CD mużikali. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri mitt CD. Dawn ikunu jistgħu jintużaw mill-Kunsill sabiex jiġu offruti meta jkun meħtieġ bħala mementos. Il-Kunsill qabel ukoll, li bħala rikonoxximent tal-ħidma tagħhom, għandu joffri CD lill-Kunsillieri kollha, lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u kif ukoll lill-persuna li ġiet magħżula bħala Segretarju Eżekuttiv .

5.4. Tressqet talba mill-Istitut Kulturali San Pawl biex isir dawl fuq il-monument tal-Markiża. Il-Kunsill qabel li possibilment għandu jagħmel mill-aħjar biex idawwal dan il-monument li jinsab fuq art pubblika. Għal dan għandha ssir laqgħa fuq il-post biex ikun magħruf x'hemm bżonn isir.

5.5. Tressqet proposta mingħand resident dwar art bejn Triq il-Kurazza u l-BusTerminus biex din tissebbaħ. Il-Kunsillier Tabone informa li kien hemm talba li għadha għaddeja fil-proċess biex isir proġett li jinkludi l-bini ta' Għassa fl-istess post u li tkun irranġata ż-żona spejjeż tal-iżviluppatur. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel kuntatt mal-perit ta' dan il-proġett sabiex jekk dan il-proġett baqalu biex jitwettaq, il-Kunsill isebbaħ din iż-żona. F'dak il-każ, il-Kunsill ser iniedi kompetizzjoni bejn ir-residenti sabiex huma jkunu jistgħu jgħaddu l-ħsibijiet tagħhom dwar it-tisbieħ ta' din iż-żona.

5.6. Is-Sindku infurmat li kienet waslet ċirkulari mid-DLG dwar restawr ta' postijiet storiċi (Ċirk 9/2016). Il-Kunsill qabel li, possibilment, il-preferenzi għar-restawr ikunu l-Akwedotti, it-Trunċiera u s-Salt Pans.

5.7. Il-Kunsillier Tabone spjega li kienet intbagħtet korrispondenza lill-Kunsill dwar petizzjoni biex jigu protetti s-Salt Pans ta' ħdejn il-moll ta' Buġibba ghax kienu qed jipparkjaw fuqhom il-karozzi u vetturi oħra bil-konsegwenza li kienu qed jiġrulhom il-ħsara. Huwa talab li, wara parir il-Kunsill iwaħħal *bollards* jew *railing* biex ma jkunx hemm aċċess għall-makkinarju twil. Is-Sindku spjegat li talbiet bħal dawn normalment jgħaddu għand id-Dipartiment ikkonċernat għall-azzjoni neċessarja iżda l-Kunsillier Tabone talab li l-Kunsill jieħu azzjoni hu urġenti.

5.8. Is-Sindku infurmat li, wara fċ-ċirkolari tad-DLG numru 8/2016, il-Kunsill applika biex jibbenefika minn €600 għal-libreriji. Din l-iskema kienet tagħlaq dak inhar stess tal-laqgħa f'nofsinhar.

5.9. Is-Sindku ppreżentat l-ittra mingħand TM dwar l-EV charging stations. Il-Kunsill ippropona li jissuġerixxi x-Xemxija, fil-viċinanzi tal-Gillieru u fejn il-lukanda Santana. Il-Viċi Sindku ser ikun qiegħed jara postijiet oħra fejn dawn jistgħu isiru. Sadanittant il-Kunsillier Tabone ippropona li possibilment, fejn hemm bankina wiesa tinqata' biċċa mill-bankina ħalli ma jintilifx parkeġġ.

5.10. Is-Sindku ressqet applikazzjoni għal żvilupp numru PA 2017/16. Il-Kunsill qabel li jirreġistra bħala objector u b'hekk ikun infurmat bl-andament tal-applikazzjoni.

5.11. Tressqet ukoll PC 34/16, kif ukoll oġġezzjoni għaliha li kien irċieva l-Kunsill. Il-Kunsill kien infurmat li din l-oġġezzjoni kienet qiegħda tiġi rtirata wara li saret kjarifikazzjoni mal-PAu għalhekk ma jidher li hemm l-ebda problema rigward din l-applikazzjoni.

5.12. Dwar PC 36/16 il-Kunsillier D Grima spjega li l-Kunsill għandu jitlob aktar informazzjoni għaliex f'dan l-istadju l-Kunsill ma setax ikun jaf jekk hux se tintmiss art pubblika. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni jekk ikun dikjarat li din l-applikazzjoni ma hix fuq art pubblika.

5.13. Dwar PA 2115/16 dwar il-ħtieġa ta' EPS is-Sindku infurmat li bgħatet email sabiex issir laqgħa u l-Kunsill jingħata l-informazzjoni relatata

5.14. Tressqet email mingħand Casa Serena fejn talbu 15-il parkeġġ riservat għall-użu tagħhom. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

5.15. Tressqet email mingħand il-Kummissarju tat-tfal dwar il-Jum Dinji tat-Tfal sabiex possibilment isiru attivitajiet mill-Kunsilli Lokali fil-ġimgħa ta' qabel l-20 ta' Novembru. Is-Sindku talbet lill-Kunsillieri biex jibgħatu l-ideat tagħhom għal xi attività li tista' tkun organizzata. Il-Kunsillier Tabone ippropona li possibilment issir attività konġunt mal-Kunsill Lokali Naxxar bħala Kunsill ġar. Il-Kunsill qabel.

5.16. Is-Sindku infurmat li TM kienu qed jitolbu lill-Kunsill biex jitneħħew il-marki fi Triq l-10 ta' Frar, liema marki ilhom impinġija għal numru twil ta' snin. TM qed tgħid ukoll li jekk ma jitneħħewx, tneħħihom hi a spejjeż tal-Kunsill. Il-Kunsillier Bugeja saħaq li l-iskop tal-marki kienu biex ikun hemm aċċess għas-sigurtà tal-*pedestrian*, u, fl-istess ħin ma jitneħħiex il-parkeġġ, u dan minħabba li l-wisa tat-triq ma tippermettix li jkun hemm bankina mingħajr ma jintilef il-parkeġġ. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li jkun hemm laqgħa fuq il-post, u diskussjoni ma' TM, u għalissa ma jittieħdu l-ebda passi ħalli flimkien naraw

x'alternattivi jista' jkun hemm, u naslu għall-aħjar soluzzjoni. Fil-frattemp però l-Kunsillier Tabone ħareġ mil-laqgħa u ma kienx parti mid-deċiżjoni.

5.17. Wara d-deċiżjoni rega' dahal is-sur Tabone.

5.18. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien ħa award mingħand Green MT fir-rigward tas-separazzjoni tal-iskart.

6. **ĦLAS TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI**

6.1. L-Aġent SE ressaq l-iskeda tal-pagamenti.

6.2. Il-Viċi Sindku tkellem dwar in-numru 434 fuq il-lista fejn esprima l-opinjoni li l-Kunsill jista' jasal f'arranġamenti ma' kumpaniji li jistgħu joffru dan is-servizz bla ħlas.

6.3. Dwar it-telefon tal-lift l-Aġent SE talab l-assistenza tal-Viċi Sindku biex l-impjegata tal-Kunsill tkun tista' tiskopri eżatt x'tip ta' servizz qed jieħu l-Kunsill. Il-Viċi Sindku aċċetta li jassisti.

6.4. Fuq proposta mis-Sindku, issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

6.5. Is-Sindku pproponiet li jinxtraw flokkijiet u ħwejjeġ ta' safety lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

7. **L-ITTRA TA' DIREZZJONI MILL-AWDITURI U R-RISPOSTA TAL-KUNSILL**

7.1. Kienet ippreżentata l-ittra ta' direzzjoni lill-Kunsillieri. L-Aġent SE spjega dak li kien hemm miktub u kif kien qiegħed jipproponi tweġiba.

7.2. Dwar punt numru 3,6 il-Kunsill talab lill-Aġent SE biex jibgħat jistaqsi lis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti biex jikkummenta dwar il-punt imressaq mill-Awdituri.

7.3. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsillieri għandhom jingħataw kopja tal-kuntratt ma' Blues Ltd filwaqt li possibilment għandu jissejjaħ għal-laqgħa li jmiss.

7.4. Dwar punt 8.4 tal-Ittra l-Kunsill qabel li jaħtar bord biex jinvestiga kif rakkomandat mill-Awdituri. Fuq proposta tal-Kunsillier Bugeja kien hemm qbil li dan il-Bord ikun magħmul mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mill-Kunsilieri A Grima u Fenech. F'każ li xi ħadd minn dawn ma jkunx jista' jattendi meta jsiru l-laqgħa, jissostitwixxuhom Kunsillieri oħrajn. Dan il-Bord għandu wkoll jinvestiga l-punti kollha, skont il-każ, tal-Ittra.

7.5. Il-Kunsill qabel.

7.6. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

8. **IL-KUNTRATT MA' GREEN MT**

8.1. Il-Kunsill kien infurmat li Green MT kienu bagħtu l-kuntratt emendat. Il-Kunsill ma qadx jiddiskuti fit-tul iżda approva li dan jiġi ffirmat bil-kundizzjoni li jkun hemm inkluż il-proposta tal-Kunsillier Tabone li jekk ma joffrix is-servizz irid jagħmel tajjeb għalih.

9. **IL-KARNIVAL TAS-SAJF**

9.1. Is-Sindku tat update dwar din l-attivita' u l-laqgħat li kienu qiegħdin isiru li kienet qed tattendi għalihom ukoll l-iskrivana tal-Kunsill, is-Sinj. Debono. Infurmat ukoll li, din is-sena l-Kunsill ma ngħatax fondi direttament mill-MTA għal din l-attivita',

hekk kif ġara s-sena l-oħra, u allura se jkun hemm finanzjament addizzjonali mill-Kunsill.

## 10. TALBIET U ISSUES RELATATI MAL-AMMINISTRAZZJONI

10.1. L-Aġent SE informa li s-Sinj. Sandra Grech, skrivana fuq skala 10, kien imissha *increment*. Il-Kunsill unanimament qabel li tingħata l-increment.

10.2. Informa wkoll li kellu talba mingħand skrivana oħra biex tibbenefika minn *responsibility leave* biex tieħu ħsieb membru tal-familja. Huwa informa li filwaqt li t-talba hija ġustifikata, għandu l-problema ta' nuqqas kbir ta' staff. Xtaq ukoll kieku jikkonsulta mal-persuna magħżul għal-Segretarju Eżekuttiv ġdid. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kull tentattiv u jsir dak kollu possibli biex tintlaqa' t-talba kemm jista' jkun malajr. Għalhekk ġie deċiż li jitħalla f'idejn is-Sindku u l-Aġent SE biex jipproċedu kif jaħsbu li jkun l-aħjar.

10.3. Is-Sindku imbagħad tat informazzjoni dwar l-impjiegi l-ġodda tal-iskrivani. Il-Kunsill qabel li jistgħu ukoll joħorġu sejħiet għal gradi għola biex tattira aktar applikanti.

10.4. Is-Sindku pproponiet li, fid-dawl li s-sitwazzjoni tal-impjegati tal-Kunsill hija kritika, il-Bord tal-għażla għandu jiltaqa' u jintervista l-applikanti kemm jista' jkun malajr u li skont kif jiddeċiedi l-Bord b'maġġoranza sempliċi isir il-proċess tal-impjieg tal-iskrivani l-ġodda. Hija fakkret li fil-preżent kien hemm biss erba' skrivani impjegati u li waħda se toħroġ bil-*maternity leave* filwaq li oħra se toħroġ *bir-responsibility leave.* Għalhekk huwa neċessarju għall-Kunsill li jibda l-proċess mingħajr dewmien.

10.5. Il-Kunsillier Tabone oġġezzjona għaliex sostna li jrid ikun il-Kunsill li jiddeċiedi u jekk ikun meħtieġ tissejjaħ laqgħa b'urġenza. Is-Sindku saħqet li f'dan iż-żmien kien qiegħed ikun hemm diffikultà biex jiltaqa' l-Kunsill u jkun hemm quorum u għalhekk talba bħal din m'hijiex realistika. Il-kunsillier Tabone talab direzzjoni minghand id-Dipartiment.

10.6. Ittieħed vot fejn is-Sindku u l-Kunsillieri Bezzina, Bugeja, Cremona, Fenech, Grima u Vella vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Tabone vvota kontra.

10.7. Il-Kunsillier Tabone saħaq li l-Aġent SE qed iħalli lill-Kunsill jieħu deċiżjoni kontra l-liġi. L-Aġent SE infurmah li, fiċ-ċirkustanzi, ma jidhirlux li għandu jwaqqaf lill-Kunsill milli jieħu tali deċiżjoni.

## 11. L-ART TAL-BUMPING CARS

11.1. Is-Sindku ressqet site plan fejn jarma l-bumping cars. Kien hemm qbil li l-istat tal-bumping cars m'huwiex aċċettabbli.

11.2. Wara diskussjoni kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-propjetarju tal-bumping cars biex il-Kunsill ikollu l-veduti tiegħu.

11.3. Il-Kunsill dehrlu wkoll li qed ikun allokat art kbir li m'għandux għalfejn jeħodha kollha.

## 12. ĦWEJJEĠ OĦRA

12.1. Il-Kunsillier Bugeja staqsa dwar kumment magħmul mill-Onor. Chris Said li qal li l-Kunsill Lokali San Pawl ħa fondi għall-aċċessibilità fil-latrini. Huwa xtaq din l-informazzjoni minħabba li ma jiftakarx li qatt sar xi xogħol relatat.

12.2. Il-Kunsill qabel li jibda l-proċess biex jinżabru l-palm fejn il-Beach Haven, Xemxija.

12.3. Il-Kunsill kien mitlub biex kemm jista' jkun malajr issir il-katina fil-Pjazza.

12.4. Inġibdet l-attenzjoni għal xi rranġar li kien meħtieġ li jsir fi Triq it-Taraġ.

12.5. Inġibdet l-attenzjoni wkoll dwar palma nieqsa fejn il-Pit Stop, Xemxija.

12.6. Il-Kunsillier Fenech infurmat li t-Thalassalejn Boċċi Club kienu kkanċellaw l-attività għaliex allegaw li l-Kunsill ma kienx wieġeb għat-talba tagħhom. Hija fakkret ukoll dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Sant' Antnin u l-istat ta' Triq is-Simar.

12.7. Il-kunsillier Fenech tablet li g]andu jkkun i``ekjat il-kuntratt tal-Blue Waters (tal-garaxxijiet).

12.8. Il-Kunsillier Cremona staqsa dwar is-sitwazzjoni ta' Triq San Ġilardu. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien qiegħed jiġbor l-informazzjoni relatata inkluż informazzjoni dwar l-aċċidenti li allegatament ġraw fit-triq.

12.9. Huwa esprima pre-okkupazzjoni dwar veloċità ta' sewqan fil-parti tat-triq minn fejn il-Veċċja l-isfel.

12.10. Il-Kunsillier Cremona staqsa dwar it-talba li kienet saret għal dawl fi Triq it-Tonn. L-Aġent SE informa li kien qiegħed jinsisti mal-istaff tal-Kunsill għal żamma ta' proċedura biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni tajba fl-iqsar żmien. Din tinkludi l-ġbir ta' informazzjoni relatata.

12.11. Issemmiet il-problema ta' rieħa tad-drenaġġ fil-Veċċja. Dwar dan sar rapport lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

12.12. Inġibdet l-attenzjoni wkoll biex jitnaddfu l-kanali tal-ilma tax-xita. Il-Kunsill qabel li jitwettaq dan ix-xogħol.

12.13. Il-Kunsillier Tabone talab biex isiru marki tal-parkeġġ taħt is-Sea View il-ġewwa sa taħt id-Dolmen.

13. **TMIEM IL-LAQGĦA**

13.1. Fl-22:00 ġiet fi tmiemha l-laqgħa iżda qabel, il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 29 ta' Awwissu fis-19.00.

| | |
|---|---|
| [Iffirmata] | [Iffirmata] |
| **Graziella Galea** | **Paul Gatt** |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |